# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 5 ta' 2022, miżmuma nhar is-7 ta' April 2022, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u għaxra ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru (online) |
| • Carlos Zarb | San Pawl il-Baħar LC | Membru delegat |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Vici President |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Stephen Cordina | H'Attard LC | Membru (Online) |
| • Stephen Gatt | Hal Balzan LC | Membru delegat |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Preżenti ukoll kien hemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kristina Camilleri

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | Membru |
| • Trevor Fenech | San Gwann LC | Membru |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

1. AĠENDA

5.1: Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
5.2: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
5.3: Komunikazzjoni tal-President;
5.4: Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
5.5: Kumunikazjoni
4.5.1. Skemi Regjonali
5.6: Rapporti;
5.6.1 Regional Officers interviews - Bord
5.7: Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;
5.7:1. Xiri ta' Shredder – Injam
5.7.2 Xiri ta' Shredder – Karti
5.7.3 Assistenza regjonali tal-Mieled
5.7.4 Festival Footbal Nursuries
5.7.5 Hal Ferh Development
5.7.6 MOU ITS – RT
5.7.7 Twinning exploratory meetings
5.7.8 Social Media creator
5.7.9 Street Lights Tender
5.7.10 Courses – Fire Fighting, First Aid, Customer Care
5.7.11 Deputy Executive Secretary
5.7.12 Festivals: Baned u Nar U Korijiet
5.7.13 New computers and printers (office)
5.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
5.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mil-President, is-Sur Clifford Galea. Il-President irringrazzja lill-membri tal-attendenza.

Is-Sinjura Anne Marie Muscat Fenech Adami, għan-nom tal-membri kollha, awgurat fejqan ta' malajr lis-Segretarju Eżekuttiv li kien sofra aċċident u kiser siequ ġimgħatejn qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-membri tal-ħsieb.

Il-President feraħ lis-Sinjura Romilda B Zarb li kienet eletta bħala membru tal-Parlament.

## - Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjur Trevor Fenech u s-Sinjura Romilda B Zarb kienu skużati.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

- Il-Minuti tal-laqgħa numru 2 ta' 2021, miżmuma fi Frar ittieħdu bħala moqrija. Anne Marie Muscat Fenech Adami ipproponiet li jkunu approvati. Stephen Gatt issekonda l-mozzjoni u l-membri qablu unanimament.

- Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta żewġ dokumenti fejn kien iddikjara li l-laqgħat numri 3 u 4 li kellhom jinżammu f' Marzu 2022, ma nżammux minħabba nuqqas ta' quroum.

Punti Mqajma mill-minuti:

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li d-DG (Sur Natalino Attard) kien wieġbu li tenders relatati mas-sistema tad-dawl m'għadhomx jinħarġu għax kien qed jinħadem ftehim fejn l-Enemalta tiprovdi s-servizz b'xejn. Saret diskussjoni fejn il-membri kollha espremew tħassib għal din il-bidla u l-fatt li Enemalta diġa ma kinitx qed tagħti servizz tajjeb fuq id-dwal li diġa għandha f'idejha; aħseb u ara jekk jiżdiedilhom ix-xogħol. Kien irrimarkat li biex Enemalta ssewwi bozza ġieli ikun hemm żewġ gruppi ta' ħaddiema, meta l-kuntrattur reġjonali jagħmel dan bi tnejn min-nies. Paul Vella issuġġerixxa li Enemalta għandha tgħaddi d-dawl kollu lill-Kunsilli hekk kif suppost diġa kellu jsir; u jekk qed issir xi applikazzjoni għal fondi Ewropej biex jinbidlu d-dwal għal dawk li jużaw inqas enerġija, il-Kunsilli kollha ser ikunu qed jikkollaboraw fit-tali proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab ifassal ittra fuq dan ir-rigward sabiex tintbgħat lill-awtoritajiet.

### Komunikazzjoni mil-President

Il-President Clifford Galea kien mistieden mill-Perit Wendy Jo Mifsud għal-laqgħa li saret mil-grupp tal-Universita` ta' Malta dwar Focus Group exercise fuq mixjiet fir-Reġjuni. F'dan il-focus group qed issir riċerka fuq walkability issues fil-lokalitajiet u l-istudju qed isir fuq postijiet diversi. Għażlu r-Reġjun Tramuntana biex jaraw il-ħtiġijiet li hemm bżonn fil-lokalitajiet tagħna. Ir-Reġjun mistenni jagħti r-reazzjonijiet (feedback) fuq dawn l-inizjattivi.

Is-Snr Alison Zerafa Civelli, is-Segretarju Parlamentari l-ġdida għall-Kunsilli Lokali, kienet mistiedna fuq talba tal-President tar-Reġjun Tramuntana Clifford Galea li laqgħet mall-ewwel l-istedina u b'hekk immarkajna bħala l-ewwel Reġjun li s-Segretarju Parlamentari żaret fl-irwol uffiċċjali tagħha minn meta nħatret.

Anne Marie Muscat Fenech Adami qalet li tajjeb li dawn l-affarijiet ikunu diskussi fir-Reġjun, u saħqet li għandu jkun hemm iktar diskussjoni fuq problemi komuni.

### Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Mistoqsi rigward CCTVs, is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-membri li għadhom ma wieġbuhx fuq l-iskema tas-CCTV biex iwieġbu mill-aktar fis possibbli. Kien hemm Kunsilli li diġa ndikaw il-lokazzjoni fejn jixtiequhom u oħrajn li għadhom ma wieġbux. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jibgħat komunikazzjoni rigward dan is-suġġett.

Paul Vella ġibed l-attenzjoni li t-tender tal-'landscaping' skada t-terminu tiegħu. Huwa staqsa jekk ir-Reġjun jistax joħroġ tender Reġjonali li jkopri l-lokalitajiet kollha, jew dawk li jkunu nteressati li jidħlu fih. Huwa saħaq li b'dan il-mod ikun jista' jitfassal tender aħjar u fl-istess ħin bis-saħħa tal-kobor, ikun jista jkollna offerti aktar vantaġġjuzi li jaġevolaw il-

Kunsilli kollha. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv jibgħat jinforma lill-Kunsilli b’din il-proposta sabiex tiġi diskussa fil-Kunsilli rispettivi. Il-Kunsilli għandhom jagħtu risposta preferibbilment sal-laqgħa li jmiss tar-Reġjun.

Anne Marie Muscat Fenech Adami saqsiet x’kien sar fuq il-proposta tal-Health and Safety Officer. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien irċieva numru ta’ risposti mill-Kunsilli, iżda mhux kulħadd wieġeb.

– Komunikazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra tar-riżenja ta’ Matthew Gauci Abela, wieħed mill-impjegati tar-Reġjun. Huwa spjega li s-Sur Gauci Abela kien ser jibda jaħdem għal rasu. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-membri sabiex joħroġ sejħa għall-ingaġġ ta’ skrivan minflok is-Sur Gauci Abela. Il-President Sur Clifford Galea ippropona li din is-sejħa tinħareġ. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

– Rapporti

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta r-rapport tal-bord tal-ingaġġ. Il-President spjega li l-bord kien ra numru ta’ kandidati għal uħud mill-pożizzjonijiet. Il-bord ħass li għall-pożizzjoni ta’ Uffiċjal Ambjentali jagħżel 2 persuni, kandidat A u kandidat B. Il-kandidati l-oħra ma leħqux il-marka biex jikwalifikaw.
Għall-kandidat bħala Uffiċjal tal-Fondi, kien hemm applikazzjoni waħda. Minkejja li dan mar tajjeb, hu għażel li jidħol bħala Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Baħar.
Fir-rigward tal-Uffiċjal għall-iskart, il-bord ħass li l-ebda membru ma laħaq il-livell meħtieġ.
Fil-qasam tal-Kultura, il-bord ħass li kandidat wieħed biss laħaq il-livell meħtieg, u dan kien il-kandidat A ta’ dan il-qasam.

Il-membri ddiskutew dan ir-rapport u qablu mal-konklużjonijiet milqugħa. Anne Marie Muscat Fenech Adami ipproponiet li dan ir-rapport ikun approvat. Stephen Gatt issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

– Affarijiet oħra

Shredder tal-injam. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-kwotazzjonijiet miġbura għal shredder tal-injam. Huwa spjega li l-aħjar offerta kienet ta’ madwar €2600 u dan il-makkinarju jkun jista’ jinġarr miġbud wara karozza. Id-daqs taz-zokk (zokk aħdar u mhux niexef) huwa ta’ 4 pulzieri u nofs. Dan il-makkinarju jkun miżmum fil-garaxx tar-Reġjun u jintuża mill-Kunsilli skond il-bżonn. Il-makkinarju jrid jiġi ordnat. Il-membri iddiskutew il-proposta. Paul Vella ipropona li jinxtara u Carlos Zarb issekonda. Il-membri qablu unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa lill-membri li fuq l-istess bażi, jinxtara shredder għall-karti industrijali. Ir-Reġjun ikollu numru sostanzjali ta’ karti x’jarmi, speċjalment issa bid-disposal policy l-ġdida tat-Tribunal Tramuntana. Il-membri talbu lis-Segretarju Eżekuttiv ifittex informazzjoni u kwotazzjonijiet.

Bdiet diskussjoni fuq attivitajiet Reġjonali tal-Milied, Festival Baned u Nar u skemi ta' sapport. Il-President Clifford Galea spjega li xtaq li jiġu organizzati avvenimenti ikbar u li jkopru r-Reġjun kollu, pero` minflok fuq sena, din tkun a bażi ta' tliet snin. B'hekk l-attivitajiet ikunu kkonċentrati fuq 3 lokalitajiet fis-sena u jipparteċipa kulħadd. Saret diskussjoni. Stefan Cordina irrimarka li jipreferi li kieku r-Reġjun jagħti l-flus direttament lill-Kunsilli, per eżempju biex ikun hemm għajnuna għal restawr ta' instrumenti mużikali, jew xiri ta' strument mużikali, jew restawr ta' drappijiet sagri/dekorattivi. Paul Vella spjega li l-ħsieb tar-Reġjun dejjem kien li b' dawn l-attivitajiet tissaħħah l-identita` Reġjonali kif ukoll tittieħed fil-postijiet ta' fejn m'hemmx dawn l-affarjiet kulturali. Il-ħsieb dejjem kien li flimkien ikun hemm iktar avvenimenti li jgħaqdu lir-Reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li l-membri jikkonsidraw il-possibilita` li jsiru skemi kif qed jissuġġerixxi s-Sur Cordina, apparti mill-attivitajiet.

Fejn jidħol it-tiżjin tal-Milied, il-President Clifford Galea ippropona li jkun hemm fond ta' €2000 għal kull Kunsill f'għajnuna għall-Milied, kif ukoll ir-Reġjun ser jara li jippublika sejħa ta' offerti biex isiru tiżjin bl-emblema tar-Reġjun, kif ukoll dawk tal-Kunsilli. Fejn jidħol il-festival tal-baned u nar u dak tal-korijiet, il-President ippropona s-sistema li dawn jittellgħu f'kull lokalita` a bażi ta' tlett snin. Is-Snr Anne Marie Muscat Fenech Admai ippreponiet li dawn il-proposti jkun milqugħa. Kyle Mifsud issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Deputat Segretarju Eżekuttiv – Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-membri biex jerġgħu jappuntaw lil Kristina Camilleri bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Clifford Galea ippropona li din tkun aċċettata. Paul Vella issekonda. Il-membri qablu unanimament.

Football Nurseries Festival – Il-President Clifford Galea ppreżenta pjan ta' ħidma mfassal mis-Sur Trevor Fenech biex ir-Reġjun jorganizza dan il-festival tat-tfal. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jinforma l-membri tar-Reġjun u jitlob lis-Sindki jinfurmaw lin-nurseries rispettivi tagħhom.

Social Media Creator. Il-President Clifford Galea spjega li hemm bżonn ta' persuna li tgħin lir-Reġjun fit-tfassil ta' social media. Huwa ssuġġerixxa li George Aquilina jiġi mqabbad biex jgħin lir-Reġjun. Il-budget huwa ta' €500 sa' massimu ta' €1000 fis-sena. Is-Sur Carlos Zarb ippropona li jintuża s-servizz tiegħu. Snr Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

MOU ITS – Reġjun Tramuntana – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta Memorandum of Understanding maħsub biex jippermetti lil ITS u Reġjun Tramuntana jaħdmu id f'id fuq numru t' oqsma; ta' tgħalim, kultura u turiżmu. Paul Vella ippropona li jkun approvat. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat. Il-membri qablu unanimament.

Xiri t' apparat elettroniku. Is-Segretarju Eżekuttiv talab li jinxtara TV kbir għal boardroom, kif ukoll numru ta' computers, printers ġodda u apparat ieħor meħtieġ għax-xogħol. Il-President Clifford Galea ippropona li dan ix-xiri jsir kif ukoll li s-



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Segretarju Eżekuttiv jaħdem biex jiġi modernizzat il-board room fejn tiġi pprovduta sistema aħjar ta' plakkek u affarijiet simili. Carlos Zarb issekonda. Il-membri qablu unanimament.

Vjaġġi esplorattivi għall-ġemellaġġi. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-membri biex il-President u s-Segretarju Eżekuttiv ikunu jistgħu jagħmlu xi vjaġġi biex jistudjaw possibilitajiet ta' ġemellaġġi, kif ukoll parteċipazzjoni f'konferenza ġewwa l-Fillandja tal-MWE li r-Reġjun huwa membru tagħha. Stephen Gatt ippropona li dawn il-vjaġġi jsiru. Is-Snr Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Ħal-Ferħ Development – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-komunikazzjoni li r-Reġjun irċieva mingħand il-PA għal konsultazzjoni fuq Ħal-Ferħ. Paul Vella ġibed l-attenzjoni li dan l-iżvilupp kien ser jaffettwa sew it-traffic flow minħabba li dan l-iżvilupp ma baqgħax għall-iskop turistiku biss, iżda issa kien ser jinkludi bini residenzjali. John Buttigieg qal li l-Kunsill tal-Mellieħa kien diġa ddiskuta dan l-iżvilupp u ma kienx kontrieh. Huwa ntalab jibgħat il-korrispondenza tal-Kunsill fuq dan ir-rigward. Is-Sur Buttigieg qal li ser jitlob lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill sabiex jibgħat il-pożizzjoni tal-Mellieħa fuq dan is-suġġett.

Korsijiet – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta numru ta' kwotazzjonijiet għal korsijiet, fosthom tal-customer care, tifi tan-nar, kif ukoll tal-ewwel għajnuna. Il-membri ddiskutew dawn il-proposti u ddeċidew imexxu fuq dawn il-kwotazzjonijiet. Fir-rigward tal-kors fil-customer care kien deċiż li jmorru għal dak li jwassal għal diploma ta' livell 5.

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 148 kienet ippreżentata. Kyle Mifsud ippropona li tkun approvata. Carlos Zarb issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta' filgħaxija meta waslet is-Snr Alison Zerafa Civelli – is-Segretarju Parlamentri għall-Kunsilli Lokali. Il-laqgħa ntemmet sabiex issir laqgħa mas-Snr Zerafa Civelli. Il-President irringrazzja lis-Segretarju Parlamentari u preżentalha l-ktieb tar-Reġjun *Colours of the North.*

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 11 ta' Mejju, fis-sitta ta' filgħaxija.

_________________________ ______________________________

| | |
|---|---|
| Clifford Galea | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum 11 ta' Mejju 2022



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt